MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 176/2008

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-attrici u l-konvenut m' humiex mizzewgin;

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u frott ta' din ir-relazzjoni twieldet fid-29 ta' Gunju, 2006 tarbija bl-isem ta' E (Dok. A);

Illi l-konvenut, minkejja li gie interpellat diversi drabi, qed jirrifjuta li jirrikonoxxi lit-tarbija u konsegwentement m' huwiex qed jissomministra manteniment skond il-ligi;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi:

1. Il-konvenut huwa missier it-tarbija frott ir-relazzjoni bejn il-partijiet u dana bl-opra ta’ periti nominandi;

2. Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat minn din il-Qorti li jissomministra lill-attrici ghall-minuri dik ir-retta alimentarja li tigi ffissata minn din il-Qorti u bil-modalitajiet ukoll hekk iffissati;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat, ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tad-DNA, mahluf mit-tabib Dottor Renald Blundell;

Rat is-sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti fis-7 ta’ April 2009;[2]

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tal-14 ta’ Jannar 2010 li permezz tieghu din il-Qorti giet informata li l-process tal-medjazzjoni ma kellhux effett pozittiv;[3]

Rat ir-rikors prezentat mill-konvenut fis-26 ta’ Jannar 2010 li permezz tieghu talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu;[4] kif ukoll ir-risposta relattiva;

Semghet lill-konvenut bil-gurament dwar ir-rikors precitat;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tar-rikors fuq indikat, il-konvenut qed jitlob li jiggustifika l-kontumacja tieghu f’ dawn il-proceduri, u jigi awtorizzat jipprezenta risposta guramentata ghar-rikors

---

[1] Fol.32 *et seq.*
[2] Fol.76 *et seq.*
[3] Fol.87
[4] Fol.89

promotur, limitatament ghat-tieni talba li tirrigwarda l-hlas ta’ manteniment da parti tieghu lill-attrici ghat-tifel E, wild minuri taz-zewg partijiet. Minn naha tieghu l-attrici qed topponi ghal din it-talba.

Illi l-Qorti semghet lill-konvenut jixhed in propozitu. Dan spjega li hu kien sar jaf bil-kawza odjerna ghal habta ta’ nofs is-sena 2009. F’ dak l-istadju kienet gja nghatat sentenza parzjali fuq l-ewwel talba, u l-partijiet kienu qedin fil-process tal-medjazzjoni dwar it-tieni talba. Huwa jghid li, kif sar jaf bil-kawza, huwa beda jippartecipa b’ mod attiv fil-process tal-medjazzjoni li, pero’ twaqqaf hesrem mill-attrici ghax ma kienitx sodisfatta b’ dak li kien qed joffri l-konvenut. Huwa jikkonferma bil-gurament li kien deher quddiem il-medjatrici, u sussegwentement kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet, izda l-partijiet ma waslux ghal ftehim. Ghalhekk, issa li ser titkompla l-kawza, huwa ghandu nteress li jirrispondi ghat-talba u jressaq il-provi tieghu.

Illi din il-Qorti, wara li semghet lill-konvenut, u tenut kont tal-fatt li l-prosegwiment tal-kawza fuq it-tieni talba tieghu ghadu fi stadju inizjali tieghu, u tenut kont tal-fatt li l-konvenut ippartecipa fl-istadju tal-medjazzjoni, u sar skambju ta’ korrispondenza bi sforz li tigi tranzatta l-kawza, hija tal-fehema li n-nuqqas da parti tal-konvenut ma kienx dovut ghal disprezz lejn l-awtorita’ ta’ din il-Qorti, u ghalhekk, fl-interess tal-gudizzja, u senjatament in omagg ghall-principju fundamentali tal-audi alteram partem, din il-Qorti ghandha tilqa’ t-talba tal-konvenut maghmula fir-rikors precitat.

Ghaldaqstant tilqa’ t-talba tal-konvenut, u tawtorizzah jipprezenta risposta guramentata fi zmien ghoxrin [20] jum mill-lum; u l-istess konvenut huwa ordnat li jipprezenta l-affidavits tieghu, bid-dokumenti mehtiega, fi zmien xahar millum.

Inoltre tordna li l-attrici jipprezenta kopja tar-rapport tal-medjatur.

Spejjez ta’ dan il-gudizzju a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------